

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Cyprus](#)

# Talbiet Żgħar

Ċipru



Ċipru

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### Artikolu 25 1 (a) II-qrati kompetenti

- Qorti Distrettwali ta' Nikosija

Indirizz: Charalambou Mouskou, 1405 Nicosia, Cyprus

Telefown: (+357) 22865518

Faks: (+357) 22304212/22805330

Indirizz tal-email: [chief.reg@sc.judicial.gov.cy](mailto:chief.reg@sc.judicial.gov.cy)

- Qorti Distrettwali ta' Limassol

Indirizz: Leoforos Lordou Byronos 8, P.O. Box 54619, 3726, Limassol, Cyprus

Telefown: (+357) 25806100/25806128

Faks: (+357) 25305311

Indirizz tal-email: [chief.reg@sc.judicial.gov.cy](mailto:chief.reg@sc.judicial.gov.cy)

- Qorti Distrettwali ta' Larnaca

Indirizz: Leoforos Artemidos, 6301, Larnaca, P.O. Box 40107, Cyprus

Telefown: (+357) 24802721

Faks: Faks: (+357) 24802800

Indirizz tal-email: [chief.reg@sc.judicial.gov.cy](mailto:chief.reg@sc.judicial.gov.cy)

- Qorti Distrettwali ta' Paphos

Indirizz: Corner of Neophytou & Nikou Nikolaidi, 8100, Paphos, P.O. Box 60007, Cyprus

Telefown: (+357) 26802601

Faks: (+357) 26306395

Indirizz tal-email: [chief.reg@sc.judicial.gov.cy](mailto:chief.reg@sc.judicial.gov.cy)

- Qorti Distrettwali ta' Famagusta

Indirizz: Sotiras 2, Megaro Tzivani, 5286, Paralimni, Cyprus

Telefown: (+357) 23730950/23742075

Faks: (+357) 23741904

Indirizz tal-email: [chief.reg@sc.judicial.gov.cy](mailto:chief.reg@sc.judicial.gov.cy)

## Artikolu 25 1 (b) Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-mezzi disponibbli ta' komunikazzjoni aċċettati għall-finijiet tal-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar huma: il-preżentazzjoni ta' rikors fir-reġistru personalment, jew billi tintbagħat bil-posta jew b'kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni, bħall-faks jew l-email.

## Artikolu 25 1 (c) Awtoritajiet jew organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza Prattika

Ir-reġistraturi (πρωτοκολλητέα) tal-qorti distrettwali.

## Artikolu 25 1 (d) Mezzi ta' notifika u komunikazzjoni elettroniċi u metodi biex wieħed jagħti l-kunsens tiegħu għalihom

Id-dokumenti jiġu nnotifikati bil-posta jew bil-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta inkluża d-data tar-riċevuta. Jekk din l-għamla ta' notifika ma tkunx possibbli, in-notifika tista' ssir b'xi wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Artikoli 13 jew 14 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004.

## L-Artikolu 25 1(e) Persuni jew professjonijiet, obligati jaċċettaw in-notifika ta' dokumenti jew komunikazzjonijiet oħrajn bil-miktub permezz ta' mezzi elettroniċi

Mhux implimentat.

## Artikolu 25 1 (f) Tariffi tal-qorti u l-metodi tal-ħlas

Ma hija imposta l-ebda tariffa tal-qorti biex jimtew il-formoli.

## Artikolu 25 1 (g) Il-proċedura tal-appell u l-qorti kompetenti għal appell

Id-deċiżjonijiet tal-qorti tal-ewwel istanza f'kawżi ta' talbiet żgħar jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema. L-appell irid ikun ippreżentat fi żmien 14-il jum minn meta toħroġ id-deċiżjoni fl-ewwel istanza.

## Artikolu 25 1 (h) Rieżami tal-proċedura tas-sentenza u l-qorti kompetenti biex jagħmlu dan ir-rieżami

Mhux implimentat.

## Artikolu 25 1 (i) Lingwi aċċettati

Ir-rikors, it-tweġiba, kull kontrotalba u t-tweġibiet għall-kontrotalbiet u kull deskrizzjoni ta' dokumenti ġustifikattivi jridu jkunu bil-Grieg.

## L-Artikolu 25 1 (j) L-awtoritajiet kompetenti mill-eżekuzzjoni

Qorti Distrettwali.

■ L-aħħar aġġornament: 12/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.